

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [France](#)

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Franza

Franza



F'din il-paġna, se ssib informazzjoni dwar l-għażliet disponibbli għall-konsultazzjoni tar-reġistri kummerċjali fi Franza.

X'joffru r-reġistri kummerċjali fi Franza?

Ir-reġistri lokali kummerċjali u tal-kumpaniji (*registres du commerce et des sociétés - RCS*) huma miżmuma mir-reġistraturi (*greffiers*) tal-qrati kummerċjali (*tribunaux de commerce*) fi Franza kontinentali, mill-qrati kummerċjali mħallta (*tribunaux mixtes de commerce*) fid-dipartimenti u fir-reġjuni ekstra-Ewropej, u mir-reġistraturi tal-qrati kkombinati b'ġuriżdizzjoni kummerċjali (*tribunaux judiciaires à compétence commerciale*) fid-dipartimenti ta' Bas-Rhin, Haut-Rhin u Moselle. Id-dikjarazzjonijiet ta' reġistrazzjoni, emenda u tneħħija magħmula mill-impriża fir-reġistri kummerċjali u tal-kumpaniji jiġu vverifikati mir-reġistraturi biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti u jikkorrispondu għad-dokumenti ta' sostenn u d-dokumenti mehmuża bħala annessi. Dawn il-verifiki dwar ir-rekwiżiti sostantivi u formali jitwettqu taħt superviżjoni tal-president jew ta' mħallef inkarigat b'dak il-kompitu li għandu ġuriżdizzjoni biex isolvi kwalunkwe tilwim bejn il-persuna taxxabli u r-reġistratur.

Il-Kbis, li huwa estratt mir-reġistru kummerċjali u tal-kumpaniji, huwa "l-karta tal-identità" ta' impriża u fih l-informazzjoni kollha li l-impriża għandha l-obbligu li tiddikjara. L-objettiv tal-estratt Kbis huwa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-rigward tat-tranżazzjonijiet kummerċjali billi jipprovdil kwalunkwe parti interessata b'informazzjoni dwar l-istruttura legali tal-impriża, id-diretturi tagħha, l-attività tagħhom u l-post fejn titwettaq l-attività u kif topera l-impriża. Jiddikjara wkoll jekk tressqux proċedimenti kollettivi ta' insolvenza kontriha jew le. Dan id-dokument uffiċjali (*acte autentique*), maħruġ u ffirmat mir-reġistratur tal-qorti, jitqies li huwa awtentiku sakemm ma tiddaħħalx eċċezzjoni ta' falsifikazzjoni.

Fil-livell nazzjonali, reġistru nazzjonali kummerċjali u tal-kumpaniji (*registre national du commerce et des sociétés - RNCS*) huwa miżmum mill-Istitut Nazzjonali għall-Proprietà Industrijali (*Institut National de la Propriété Industrielle - INPI*). Dan ir-reġistru nazzjonali jiċċentralizza l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li ġew ivverifikati u vvalidati mir-reġistraturi u mdaħħla fir-reġistri kummerċjali u tal-kumpaniji miżmuma f'kull reġistru. L-INPI huwa responsabbli għad-disseminazzjoni u għad-disponibilità pubblika, mingħajr ħlas, tal-informazzjoni teknika, kummerċjali u finanzjarja li tinsab fl-RNCS, għall-finijiet ta' użu ulterjuri.

Is-sit web [Infogreffe](#) huwa l-pjattaforma ta' disseminazzjoni għar-reġistri kummerċjali u tal-kumpaniji kollha (ta' Franza kontinentali, inkluż Alsace-Moselle, u tad-dipartimenti u r-reġjuni ekstra-Ewropej). Is-sit web [Infogreffe.de](#) jipprovdil aċċess għall-informazzjoni legali ta' impriżi fi New Caledonia. Is-sit web [Infogreffe](#) jippermetti wkoll li diversi formalitajiet (ir-reġistrazzjoni, l-emenda, it-tneħħija u d-dikjarazzjoni tal-kontijiet annwali) isiru online. Is-servizz jingħata bil-Franċiż u bl-Ingliż.

Is-sit web tal-[INPI](#) jippermetti l-aċċess, permezz tal-portal DATA INPI u bħala *data* miftuħa, ir-rekords tar-reġistrazzjonijiet, l-emendi u t-tneħħija u l-kontijiet annwali tal-kumpaniji.

Bullettin Uffiċjali ta' Avviżi Ċivili u Kummerċjali (*Bulletin officiel des annonces civiles et commerciales - BODACC*)

Il-BODACC huwa l-bullettin uffiċjali għall-pubblikazzjoni tad-dokumenti rreġistrati fir-reġistru kummerċjali u tal-kumpaniji, mill-istabbiliment ta' impriża għat-tneħħija tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-bejgħ u t-trasferimenti, il-proċedimenti kollettivi ta' insolvenza u d-dikjarazzjoni tal-kontijiet. Id-dokumenti inkwistjoni jintbagħtu lill-BODACC mingħajr il-ħtieġa ta' ebda azzjoni jew inizzjattiva mill-partijiet interessati. L-avviżi fil-BODACC isiru taħt ir-responsabbiltà tar-reġistratur li jirċievi l-informazzjoni.

Il-pubblikazzjoni fil-BODACC, li tiżgura d-disseminazzjoni l-aktar wiesa' possibbli tar-reġistrazzjonijiet fil-reġistri kummerċjali u tal-kumpaniji, taqa' fil-kompetenza tal-Uffiċċju tal-**Informazzjoni Legali u Amministrattiva** (*Direction de l'information légale et administrative - Dila*).

L-aċċess għar-reġistru kummerċjali huwa mingħajr ħlas?

Is-sit web Infogrefe jipprovdi aċċess għal ċerta informazzjoni dwar in-negozji elenkati fuq mingħajr ħlas. L-estratti mir-reġistru kummerċjali u tal-kumpaniji u d-dokumenti annessi miegħu jistgħu jinkisbu, soġġetti għal tariffa stabbilita mill-Istat.

L-aċċess għad-*data* tal-RNCS tal-INPI permezz tal-portal DATA INPI huwa mingħajr ħlas. L-użu ulterjuri ta' tali *data* huwa soġġett għal liċenzja.

Mill-1 ta' Lulju 2015, il-BODACC tqassam biss b'mezzi elettroniċi. Il-kontenut tas-sit web (jiġifieri l-avviżi tal-BODACC) ilu mingħajr ħlas minn Lulju 2011.

Fl-aħħar nett, f'Ġunju 2016 ġie stabbilit portal ġdid ta' aċċess diġitali msejjaħ « [Portail de la Publicité Légale des Entreprises](#) » [portal pubbliku li jagħti aċċess għall-informazzjoni legali tal-kumpaniji]. Dan jippermetti lill-utenti jaċċessaw, permezz ta' interfaċċa unika, ir-reklamar u l-informazzjoni legali ppubblikati fuq it-tliet siti web li ġejjin: <https://www.infogrefe.fr/>, <https://actulegales.fr/>, <https://www.bodacc.fr/>.

Kif issir tiftixa f'reġistru kummerċjali fi Franza?

Fis-sit web Infogrefe tista' tftitex negozju:

- bl-isem tiegħu,
- bl-isem tad-diretturi u l-amministraturi tiegħu,
- bil-belt jew id-dipartiment amministrattiv tad-domiċilju tiegħu jew fejn għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu jew fejn għandu l-unitajiet operatorji tiegħu,
- bin-numru SIREN tiegħu (is-Sistema ta' Identifikazzjoni tar-Reġistru Kummerċjali - *Système d'Identification du Répertoire des Entreprises*),
- bin-numru ta' reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali u tal-kumpaniji.

Fis-sit web DATA INPI tista' tftitex impriża billi tuża n-numru SIREN tagħha, l-isem tal-kumpanija, l-isem tad-ditta, l-isem tad-direttur jew l-isem tal-muniċipalità tal-uffiċċju prinċipali tal-impriża jew billi tuża kliem li jinsab fid-deskrizzjoni tal-attività tal-impriża.

Fis-sit web tal-BODACC tista' tftitex avviż relatat ma' impriża billi tuża n-numru SIREN tagħha jew l-isem tal-kumpanija tagħha.

Links relatati

[Registre de Commerce européen](#) (Reġistru Kummerċjali Ewropew)

[Infogrefe](#)

[INPI](#)

[CNGTC](#)

■ L-aħħar aġġornament: 22/02/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.